**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Mejju, 2025**

**Talba Nru: 246/2024MD**

**GO p.l.c (C22334)**

**Vs**

**The Jazz Cave (JC) Ltd (C75655)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fl-10 ta' Settembru, 2024[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li s-soċjeta' konvenuta tħallas is-somma ta' elfejn, tminn mija, u sebgħa u sittin ewro u wieħed u tletin ċenteżimu (€2867.31) rappreżentanti servizzi miġbura fil-kontijiet bin-numri 40678136 u 40677329 fuq talba u a benefiċċju tas-soċjeta' konvenuta; bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bir-referenza 293/22, u bl-imgħax legali.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata bl-Avviż fil-25 ta' Marzu, 2025[2], ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-Liġi u lanqas ma dehret għas-seduta tad-29 ta' April, 2025[3].

Sema x-xhieda ta' Maryanne Camilleri[4] fil-kariga tagħha ta' *credit control officer* fi ħdan is-soċjeta' attriċi fejn iddikjarat li hemm żewġ *accounts* li baqgħu ma tħallsux mis-soċjeta'

[1] A fol 1 et seq tal-proċess
[2] A fol 78 tal-proċess, permezz tal-gazzetta lokali
[3] A fol 79 tal-proċess
[4] A fol 67 et seq tal-proċess, xhieda datata 25 ta' Frar, 2025

konvenuta u li għad hemm bilanċ pendenti ta' elfejn, tminn mija, sebgħa u sittin ewro u wieħed u tletin ċenteżimu (€2867.31).

Ra li fis-seduta tad-29 ta' April, 2025[5] it-Tribunal awtorizza lis-soċjeta' konvenuta sabiex tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet u s-soċjeta' konvenuta naqset milli tagħmel dan.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ha konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Jirriżulta li s-soċjeta' konvenuta kienet iffirmat tlett (3) kuntratti flimkien mat-termini u kundizzjonijiet, mas-soċjeta' attriċi datati 18 ta' Awissu, 2016[6] permezz ta' liema applikat għas-servizz mas-soċjeta' attriċi. Mill-fatturi datati 3 ta' Settembru, 2024[7] jirriżulta li l-bilanċ dovut mis-soċjeta' konvenuta appartenenti il-kontijiet numri 40678136 u 40677329 huwa fl-ammont ta' elfejn, tminn mija, u sebgħa u sittin ewro u wieħed u tletin ċenteżimu (€2867.31). Ulterjorment mix-xhieda ta' Maryanne Camilleri jirriżulta li tali ammont għadu dovut mis-soċjeta' konvenuta.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attriċi, jordna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas is-somma ta' elfejn, tminn mija, u sebgħa u sittin ewro u wieħed u tletin ċenteżimu (€2867.31), bl-imgħax dekorribbli mis-17 ta' Frar, 2022[8] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża u tal-ittra uffiċjali[9] jitħallsu unikament mis-soċjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[5] A fol 79 tal-proċess
[6] A fol 5 et seq tal-proċess
[7] A fol 2 et seq tal-proċess
[8] Data tal-ittra uffiċjali annessa mat-talba, a fol 10 et seq tal-proċess
[9] A fol 10 et seq tal-proċess